



L-Aġjar Prattiki fit-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi

Kategorija ta' prattika: Metodoloġija ta' Taħriġ Innovattiv

Tip ta' prattika: Prattika Tajba

Pajjiż: Spanja

April, 2014

Titolu ta' prattika	L-Imħallef fis-Soċjetà: Id-Deontoloġija, l-Etika u r-Relazzjonijiet mal-Midja
<i>Karatteristiċi prinċipali:</i>	<p>Din il-prattika tapplika fi Spanja għal taħriġ inizjali u l-metodoloġija użata titlob il-kooperazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva ta' kull parteċipant.</p> <p>Hija maqsuma f'żewġ partijiet.</p> <p>L-ewwel parti tiffoka fuq l-analiżi tad-deontoloġija u l-etika ġudizzjarja. Tintuża ġabra ta' stejjer qosra li jiddeskrivu mġiba differenti ipotetikament adottata mill-imħallfin u l-prosekuturi meta jħabbtu wiċċhom ma' diversi sitwazzjonijiet tipiċi tal-ħajja ta' kuljum.</p> <p>L-istudenti huma mitluba jidentifikaw il-prinċipju deontoloġiku involut fl-imġiba u jikkonkludu l-karatteristiċi prinċipali tiegħu. L-attività titwettaq minn gruppi żgħar ta' 6-8 parteċipanti ssorveljati minn professur tal-iskola. Kull attività tiġi konkluża b'espożizzjoni ta' konklużjonijiet u dibattitu miftuħ.</p> <p>It-tieni parti tittratta l-imħallef fis-soċjetà u tiffoka fuq ir-relazzjoni tiegħu mal-midja. Jintużaw preżentazzjonijiet diretti b'diskussjonijiet madwar mejda tonda b'aġenti mħallfin, uffiċjali tal-istampa fil-qrati u ġurnalisti esperjenzati fi kwistjonijiet ġudizzjarji. Hija tiffoka fuq kwistjonijiet bħall-eżerċizzju tal-libertà tal-informazzjoni u d-dritt għal libertà tal-espressjoni. Tiġi analizzata l-applikazzjoni ta' kodiċijiet etiċi fil-livell nazzjonali u Ewropew, flimkien mal-ġurisprudenza nazzjonali u Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-QEDB) maħruġa f'dan il-qasam.</p> <p>Barra minn hekk, tintuża pjattaforma Moodle sabiex tipprovdi forums ta' diskussjoni li jinvolvu kelliema u studenti.</p>



<p><i>Detalji ta' kuntatt tal-istituzzjoni</i></p>	<p>Spanish Judicial School Carretera de Vallvidrera, 43-45 08017 Barcelona Spain Telefon: + 34 93 4067300 Faks: + 34 93 406 91 64 Posta elettronika: escuela.judicial@cgpj.es Sit elettroniku: http://www.poderjudicial.es/cgpj</p>
<p><i>Kummenti oħrajn</i></p>	<p>L-evalwazzjoni li saret mill-Iskola Spanjola ta' din il-PRATTIKA TAJBA hija pożittiva ħafna, u tenfasizza l-komponent interattiv tagħha.</p> <p>Fir-rigward tal-ewwel parti tal-attività, l-abbozzi tal-istejjer suġġeriti huma ta' importanza kbira. Dawn għandhom ikunu konċiżi u qosra iżda kumplessi biżżejjed fir-rigward tal-problemi mqajma, sabiex tiġi stimolata d-diskussjoni. Il-metodoloġija tista' tintuża wkoll għall-iżvilupp ta' ħiliet argumentattivi kull meta l-parteċipanti jintalbu jieħdu pożizzjonijiet opposti dwar l-imġiba deskritta.</p> <p>Fit-tieni parti, l-attività ta' taħriġ tittratta l-problemi li jinqalgħu bejn l-imħallfin u l-prosekuturi u l-midja. Pereżempju, hija għandha l-għan li toħloq kuxjenza dwar ir-rwol tal-ġurnalist u kif jipprovdi informazzjoni relatata ma' kwistjonijiet ġudizzjarji fir-rigward tal-obbligi ġuridiċi tagħhom.</p>

Sors: Proġett Pilota - Taħriġ Ġudizzjarju Ewropew: "Lott 1 – Studju dwar l-aħjar prattiki għat-taħriġ tal-imħallfin u l-prosekuturi", imwettaq min-*Network Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju (EJTN)*